



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0190/2010

9.6.2010

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li għandu x'jaqsam mal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni Ewropea lill-Fond Internazzjonali għall-Irlanda (2007-2010)
(COM(2010)0012 – C7-0024/2010 – 2010/0004(COD))

Komitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Rapporteur: Seán Kelly

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verzjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	12
PROCĊEDURA.....	16

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li għandu x'jaqsam mal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni Ewropea lill-Fond Internazzjonali għall-Irlanda (2007-2010)
(COM(2010)0012 – C7-0024/2010 – 2010/0004(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3), u l-Artikoli 175 u 352(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0024/2010),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni raġunati mibgħuta lill-President tiegħu mill-parlamenti nazzjonali relatati mal-konformità tal-abbozz ta' att mal-prinċipju tas-sussidjarjetà,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-29 ta' April 2010¹,
 - wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Regġuni,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7 0190/2010),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari kif stabbilita hawn taħt;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

¹ Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

**POŻIZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW
FL-EWWEL QARI***

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li għandu x'jaqsam mal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni Ewropea lill-Fond
Internazzjonali għall-Irlanda (2007-2010)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175 flimkien mal-Artikolu 352(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposti tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li ntbagħat l-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Billi jaġixxu bi qbil mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja u r-rekwiżit għal unanimità fil-Kunsill previsti fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 352(1),

Billi:

- (1) Il-Fond Internazzjonali għall-Irlanda ("il-Fond") ġie stabbilit fl-1986 bil-Ftehim tat-18 ta' Settembru 1986 bejn il-Gvern tal-Irlanda u l-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-Fond Internazzjonali għall-Irlanda ("il-Ftehim") sabiex jithegħeġ il-progress ekonomiku u soċjali, u biex jithegħu l-kuntatti, id-djalogu u r-rikonċiljazzjoni bejn in-nazzjonalisti u l-unjonisti fl-Irlanda sħiħa, fl-implimentazzjoni ta' wieħed mill-oġġettivi speċifikati mill-Ftehim Anglo-Irlandiż tal-15 ta' Novembru 1985.
- (2) L-Unjoni, filwaqt li tirrikonoxxi li l-oġġettivi tal-Fond huma riflessjoni ta' dawk imfittxija minnha stess, tat kontributi finanzjarji għall-Fond sa mill-1989. Għall-perjodu 2005 sa 2006 ġew impenjati EUR 15 miljun mill-baġit tal-Komunità għal

* Emendi: test ġdid jew emendat huwa indikat b'tipa *grassa korsiva*; tħassir huwa indikat bis-simbolu .

¹ Opinjoni tad-29 ta' April 2010 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

kull waħda mis-snin 2005 u 2006 bi qbil mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 177/2005 tal-24 ta' Jannar 2005 rigward il-kontributi finanzjarji tal-Komunità għall-Fond Internazzjonali għall-Irlanda¹. Dak ir-Regolament skada fil-31 ta' Diċembru 2006.

- (3) Il-valutazzjonijiet imwettqa skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 177/2005 kkonfermaw il-ħtieġa għal appoġġ ulterjuri għal attivitajiet tal-Fond, filwaqt li jissoktaw is-sinerġiji ta' tisħiħ tal-objettivi u l-koordinazzjoni tiegħu għall-interventi tal-Fondi Strutturali, b'mod partikolari mal-Programm Speċjali għall-Paċi u r-Rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq u l-Pajjiżi Konfinali tal-Irlanda (minn issa 'l quddiem "il-programm PEACE") stabbilit skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jstipula dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali².
- (4) Il-proċess ta' paċi fl-Irlanda ta' Fuq jeħtieġ kontinwazzjoni ta' appoġġ mill-Unjoni lill-Fond, lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2006. Bħala rikonnoxximent tal-isforz speċjali għall-proċess ta' paċi, il-programm PEACE ġie allokata appoġġ addizzjonali mill-Fondi Strutturali għall-perjodu 2007 sal-2013 skont il-paragrafu 22 tal-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jstipula dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1260/1999³.
- (5) Waqt il-laqgħa tiegħu fi Brussell fil-15 u s-16 ta' Diċembru 2005, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni sabiex tiegħu l-passi meħtieġa bil-ħsieb ta' appoġġ issuktat tal-Komunità għall-Fond hekk kif dieħel fil-fażi finali kruċjali ta' xogħlu sal-2010.
- (6) L-għan ewlieni ta' dan ir-Regolament hu li jappoġġja l-paċi u r-rikonċiljazzjoni permezz ta' firxa ta' attivitajiet usa' minn dawk koperti mill-Fondi Strutturali, u li jestendu lil hinn mill-ambitu tal-politika tal-Unjoni dwar il-koeżjoni ekonomika u soċjali.
- (7) Il-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni lill-Fond għandhom jieħdu s-sura ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji għas-snin 2007, 2008, 2009 u 2010, u b'hekk jintemmu fl-istess waqt li tintemm il-ħajja tal-Fond.
- (8) Fl-allokkazzjoni tal-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni, il-Fond għandu jagħti priorità lill-proġetti li min-natura tagħhom japplikaw bejn il-fruntieri, jew madwar il-Komunità, b'tali mod li jikkomplementaw l-attivitajiet iffinanzjati mill-Programm PEACE għall-perjodu bejn l-2007 u l-2010.
- (9) Skont il-Ftehim, il-kontributori finanzjarji kollha tal-Fond għandhom jipparteċipaw bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Bord tal-Fond Internazzjonali għall-Irlanda.

¹ ĠU L 30, 3.2.2005, p. 1.

² ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1.

³ ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.

- (10) Huwa essenzjali li tiġi żgurata koordinazzjoni xierqa bejn l-attivitajiet tal-Fond u dawk finanzjati taħt il-Fondi Strutturali previsti mill-Artikolu 175 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Programm PEACE.
- (11) Ammont finanzjarju ta' referenza, fi ħdan it-tifsira tal-Punt 38 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja tajba¹, għandu jiddaħħal f'dan ir-Regolament għat-tul ta' żmien kollu tal-programm, mingħajr għalhekk ma jaffettwa s-setgħat tal-awtorita baġitarja kif definiti mit-Trattat.
- (12) L-ammont tal-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni lill-Fond għandu jkun ta' EUR 15-il miljun għal kull waħda mis-snin 2007, 2008, 2009, u 2010, espressi f'valuri attwali.
- (13) L-istrateġija tal-Fond inniedi għall-fażi finali tal-attivitajiet tiegħu (2006-2010) u intitolata "Naqsmu dan l-Ispazju" tiffoka fuq erba' oqsma ewlenin: il-bini ta' pedamenti għal rikonċiljazzjoni fl-aktar komunitajiet marġinalizzati, il-bini ta' pontijiet għall-kuntatt bejn komunitajiet diviżi, ċaqliq lejn soċjetà aktar integrata u t-tħollija ta' patrimonju. Konsegwentement, l-għan aħħari tal-Fond u ta' dan ir-Regolament huwa li jinkoraġġixxi r-rikonċiljazzjoni inter-komunitarja.
- (14) L-appoġġ tal-Unjoni jikkontribwixxi biex isahha is-solidarjetà bejn l-Istati Membri u l-popli tagħhom.
- (15) L-Għajnuna mill-Fond għandha titqies bħala waħda effettiva fuq il-bażi unika tal-grad sa fejn jirnexxiha tiġġenera titjib ekonomiku u soċjali sostenibbli u ma tintużax bħala sostitut għal inġieħ ieħor pubbliku jew privat.
- (16) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1968/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 li għandu x'jaqşam mal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Komunità lill-Fond Internazzjonali għall-Irlanda (mill-2007 sal-2010)² stabbilixxa l-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-Fond għall-perjodu mill-2007 sal-2010.
- (17) Fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Settembru 2009 fil-Kawża C-166/07 (Il-Parlament Ewropew v il-Kunsill u l-Kummissjoni)³ il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej annullat ir-Regolament (KE) Nru 1968/2006 billi kien imsejjes biss fuq l-Artikolu 308 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, waqt li ddeċidiet li kemm it-tielet paragrafu tal-Artikolu 159 kif ukoll l-Artikolu 308 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea kienu l-bażi legali xierqa. Madankollu, il-Qorti ddeċidiet ukoll li l-effetti tar-Regolament (KE) Nru 1968/2006 kellhom jinżammu sad-dħul fis-seħħ, sa perjodu raġonevoli, ta' regolament ġdid adottat fuq bażijiet legali xierqa u li l-annullament tar-Regolament (KE) Nru 1968/2006 ma kellux jaffettwa l-validità tal-ħlasijiet li saru jew il-garanziji mogħtija skont dan ir-Regolament. ***F'dan ir-rigward huwa meħtieġ li, f'għieħ iċ-ċertezza legali, l-applikazzjoni tibqa' bl-effett retroattiv tal-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament minħabba li għandha x'taqşam mal-perjodu sħiħ tal-programm 2007-2010,***

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 409, 30.12.2006, p. 86.

³ ĠU C 256, 24.10.2009, p. 2 (għadha mhijiex ippubblikata fir-Rapporti tal-Qorti Ewropea).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-Fond Internazzjonali għall-Irlanda ("il-Fond") għall-perjodu 2007-2010 għandu jkun ta' EUR 60 miljun.

L-appropriazzjonijiet annwali għandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fi ħdan il-limitu tal-qafas finanzjarju.

Artikolu 2

Il-kontribuzzjonijiet għandhom jintużaw mill-Fond skont il-Ftehim tat-18 ta' Settembru 1986 bejn il-Gvern tal-Irlanda u l-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq f'dak li għandu x'jaqsam mal-Fond Internazzjonali għall-Irlanda ("il-Ftehim").

Fl-allokkazzjoni tal-kontribuzzjonijiet il-Fond għandu jagħti prijorità lill-proġetti ta' natura transkonfinali jew transkomunitarja, b'tali mod li jikkomplementa l-attivitajiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali, u speċjalment dawk tal-Programm PEACE li jopera fl-Irlanda ta' Fuq u l-Pajjiżi Konfinali tal-Irlanda ("il-Programm PEACE").

Il-kontribuzzjonijiet għandhom jiġu użati b'mod li jwasslu għal żvilupp soċjali u ekonomiku sostenibbli fl-oqsma kkonċernati. M'għandhomx jintużaw bħala sostitut għal inġenierar ieħor pubbliku jew privat.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni għandha tirrappreżenta lill-Unjoni bħala osservatur waqt il-laqgħat tal-Bord tal-Fond.

Il-Fond għandu jkun rappreżentat bħala osservatur fil-laqgħat tal-Kumitat ta' Sorveljanza tal-programm PEACE, u f'interventi oħrajn tal-Fondi Strutturali skont kif ikun xieraq.

Artikolu 4

Il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mal-Bord tal-Fond, tiddetermina proċeduri xierqa sabiex trawwem il-koordinazzjoni fil-livelli kollha bejn il-Fond u l-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-korpi implimentattivi stabbiliti taħt l-interventi kkonċernati tal-Fondi Strutturali, b'mod partikolari taħt il-programm PEACE.

Artikolu 5

Il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mal-Bord tal-Fond, tiddetermina proċeduri adattati ta' pubbliċità u taġġir sabiex jirreklamaw il-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni għall-proġetti ffinanzjati mill-Fond.

Artikolu 6

Sat-30 ta' Ġunju 2008, il-Fond għandu jressaq quddiem il-Kummissjoni l-istrateġija tiegħu għall-għeluq tal-attivitajiet tiegħu, inklużi

- (a) pjan ta' azzjoni bi ħlasijiet ipproġettati u data mbassra ta' konklużjoni;
- (b) proċedura ta' tħollija mill-impenji;
- (c) it-trattament ta' kwalunkwe ammont residwu u imgħax imħallas waqt l-għeluq tal-Fond.

Ħlasijiet sussegwenti lill-Fond jiddependu fuq l-approvazzjoni tal-Kummissjoni tal-istrateġija tal-għeluq. Jekk l-istrateġija tal-għeluq ma tiġix ippreżentata sat-30 ta' Ġunju 2008, il-ħlasijiet lill-Fond għandhom jiġu interrotti sakemm tasal l-istrateġija.

Artikolu 7

1. Il-Kummissjoni għandha tamministra l-kontribuzzjonijiet.

Suġġetta għall-paragrafu 2, il-kontribuzzjoni annwali għandha titħallas bin-nifs kif ġej:

- (a) l-ewwel ħlas bil-quddiem ta' 40 % għandu jsir wara li l-Kummissjoni tkun irċiviet il-garanzija, iffirmata mill-President tal-Bord tal-Fond, li tiddikjara li l-Fond għandu jikkonforma mal-kondizzjonijiet tal-għotja tal-kontribuzzjoni stipulati f'dan ir-Regolament;
- (b) it-tieni ħlas bil-quddiem ta' 40 % għandu jsir sitt xhur wara;
- (c) ħlas finali ta' 20 % għandu jsir wara li l-Kummissjoni tkun irċiviet u aċċettat ir-rapport annwali tal-attivitajiet tal-Fond u l-kontijiet verifikati tas-sena inkwistjoni.

2. Qabel ma tħallas pagament il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-ħtiġijiet finanzjarji tal-Fond fuq il-bażi tal-bilanċ tal-kontanti tal-Fond fiż-żmien skedat għal kull ħlas. Jekk wara l-valutazzjoni, il-ħtiġijiet finanzjarji tal-Fond ma jiġġustifikawx ħlas ta' wieħed minn dawn il-pagamenti, il-ħlas ikkonċernat għandu jiġi sospiż. Il-Kummissjoni għandha tirrivedi d-deċiżjoni abbażi ta' tagħrif ġdid mogħti mill-Fond u għandha tkompli bil-ħlasijiet hekk kif dawn ikunu kkunsidrati ġustifikati.

Artikolu 8

Kontribuzzjoni mill-Fond tista' tiġi allokata għal operazzjoni li tirċievi jew li għandha tiegħu għajjnuna finanzjarja taħt l-intervent tal-Fondi Strutturali fil-każ biss li jekk wieħed jgħodd din l-għajjnuna finanzjarja u jżid magħha 40% tal-kontribuzzjoni mill-Fond, it-total ma jaqbix 75% tal-ispejjeż totali eliġibbli tal-operazzjoni.

Artikolu 9

Għandu jitressaq rapport finali lill-Kummissjoni sitt xhur qabel id-data tal-konklużjoni prevista fl-istrateġija għall-għeluq fil-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6 jew sitt xhur wara l-aħħar ħlas tal-Unjoni, skont liema minnhom isseħħ l-ewwel, u għandu jinkludi t-tagħrif

kollu meħtieġ li għandu jippermetti lill-Kummissjoni tevalwa l-implimentazzjoni tal-għajnuna u l-milja tal-għanijiet.

Artikolu 10

L-aħħar sena ta' kontribuzzjoni għandha titħallas wara l-analiżi tal-ħtiġijiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 7(2) u sakemm il-prestazzjoni tal-Fond tirrispetta l-istrateġija għall-għeluq prevista fl-Artikolu 6.

Artikolu 11

Id-data finali ta' eliġibbiltà tan-nefqa hija l-31 ta' Diċembru 2013.

Artikolu 12

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 6 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...

F'isem il-Parlament Ewropew
Il-President

F'isem il-Kunsill
Il-President

NOTA SPJEGATTIVA

Il-kuntest

Il-proposta attwali qed titressaq quddiem il-Parlament Ewropew wara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tat-3 ta' Settembru 2009 fil-Kawża C-166/07 (Il-Parlament Ewropew v. il-Kunsill u l-Kummissjoni)¹.

Il-Qorti ddeċidiet li tannulla r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1968/2006, wara każ li ttieħed mis-servizz legali tal-Parlament Ewropew. Madankollu l-effett tiegħu kien ġie permess li jibqa' fis-seħħ sakemm terġa' tinħareġ proposta għal Regolament tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew li fiha tintuża l-bażi legali l-ġdida.

Il-Parlament Ewropew qies li r-regolament kellu jiġi adottat skont l-Artikolu 159(3) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea (issa l-Artikolu 175 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa) u nieda azzjoni għall-annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Qorti ddeċidiet li ż-żewġ Artikoli 159(3) u 308 għandhom jintużaw bħala bażi legali u talbet lill-istituzzjonijiet biex jadottaw regolament ta' sostituzzjoni b'bażi legali doppja.

Il-Komunità Ewropea kkontribwiet għall-Fond Internazzjonali għall-Irlanda (IFI) sa mill-1989, tliet snin wara li dan ġie stabbilit bi ftehim bejn il-gvernijiet tar-Renju Unit u tal-Irlanda. Fil-perjodu attwali (2006-2010) l-appoġġ mill-UE jirrappreżenta madwar 57% tal-kontribuzzjonijiet annwali, li jfisser li l-Unjoni hija l-kontributor ewlieni għall-Fond. Il-Fond għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 10(a) tal-Ftehim Anglo-Irlandiż tal-15 ta' Novembru 1985 li jstabbilixxi li *“iż-żewġ gvernijiet għandhom jikkooperaw sabiex jippromwovu l-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' dawh l-oqsma taż-żewġ partijiet tal-Irlanda li sofrew l-aġħar konsegwenzi ta' instabbiltà tal-aħħar snin, u se jikkunsidraw il-possibilità li jiżguraw appoġġ internazzjonali għal din il-ħidma”*.

Żewġ għanijiet qegħdin imexxu l-ħidma tal-IFI: li jippromwovi l-avvanz soċjali u ekonomiku, u li jinkoraġġixxi kuntatt, djalogu u rikonċiljazzjoni bejn nazzjonalisti u unjonisti fl-Irlanda kollha.

Bħala strument li jwassal għall-għan ta' paċi u rikonċiljazzjoni fil-livell bażiku tas-soċjetà permezz tal-appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali, l-IFI jikkomplementa l-azzjonijiet imwettqa mill-Programmi tal-UE għall-Paċi u r-Rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq u fir-Reġjun tal-Fruntiera tal-Irlanda ("PEACE I" 1995-1999, "PEACE II" 2000-2006 u "PEACE III" 2007-2013).

Il-Bord tal-Fond jinħatar b'mod konġunt mill-Gvernijiet tar-Renju Unit u tal-Irlanda u jikkonsisti fi President u sitt membri li jissorveljaw id-direzzjoni tal-ħidma tal-IFI. Il-Bord huwa assistit minn Kumitat Konsultattiv ta' uffiċjali maħtura miż-żewġ Gvernijiet. L-amministrazzjoni tal-Fond issir mis-Segretarjat, immexxija mid-Diretturi Ġenerali Konġunti bbażati f'Belfast u f'Dublin. Fejn ikun xieraq, id-Dipartimenti tal-Gvern u l-korpi pubbliċi jaġixxu bħala aġenziji amministrattivi għall-Fond, għat-Tramuntana u għan-Nofsinar. Il-Bord jirrappreżenta l-komunitajiet fiż-żewġ partijiet tal-Irlanda u jiltaqa' madwar erba' darbiet

¹ ĠU C 256/2, 24.10.2009.

fis-sena. Il-Kummissjoni għandha l-istatus ta' osservatur fil-laqgħat tal-Bord, flimkien ma' pajjiżi kontributori oħra (l-Istati Uniti, il-Kanada, New Zealand u l-Awstralja) u hija rrappreżentata fil-laqgħat kollha tal-Bord. Attwalment l-attivitajiet tal-IFI jitwettqu permezz ta' għadd ta' programmi u skemi li jistgħu jinġabru taħt tliet intestaturi: il-ġenerazzjoni mill-ġdid ta' żoni żvantaġġati, il-bini tal-kapaċità tal-komunità u l-iżvilupp ekonomiku. Illum l-IFI qed jikkonċentra aktar fuq il-proġetti li jolqtu n-nies (madwar 30% tar-riżorsi tiegħu) bħal interventi marbuta mal-edukazzjoni.

Fl-2005 kienet saret reviżjoni tal-Fond, imqanqla mir-rikonoxximent li l-livell attwali tal-appoġġ internazzjonali ma setax jinżamm għal żmien indefinit. L-istrutturi u l-prijoritajiet tiegħu kienu ġew eżaminati bir-reqqa sabiex jerġa' jiġi definit l-użu tiegħu fid-dawl tar-realtajiet ġodda. Ir-reviżjoni wasslet għall-adozzjoni ta' qafas strateġiku, "Naqsmu dan l-Ispazju bejnietna", li se jwassal biex il-Fond jieqaf fl-2010. B'hekk, tnidiet il-fażi finali tal-attivitajiet tal-Fond (2006-2010). Fost l-għanijiet tal-IFI għall-aħħar ħames snin hemm:

- il-bini u t-twettiq tal-viżjoni ta' futur maqsum għall-Irlanda ta' Fuq u ż-żewġ partijiet tal-ġżira;
- il-promozzjoni ta' ftehim bejn il-komunitajiet differenti fl-Irlanda;
- il-faċilitazzjoni tal-integrazzjoni bejn il-komunitajiet;
- il-bini ta' alleanzi ma' aġenziji oħra, biex tiġi żgurata l-ħidma fit-tul tal-IFI wara l-2010 u l-qsim tal-kompetenzi ma' bennejja tal-paċi f'reġjuni oħrajn.

Il-programmi appoġġati mill-IFI fil-futur se jinġabru f'erba' temi: il-bini ta' sisien, it-tressiq lejn xulxin, l-integrazzjoni tal-komunitajiet u t-tħollija ta' wirt.

Il-proposta tal-Kummissjoni

Il-pakkett ta' proposti għal adozzjoni jinkludi:

- proposta għal Regolament tal-Kunsill rigward kontribuzzjonijiet finanzjarji Komunitarji lill-Fond Internazzjonali għall-Irlanda (2007-2010);

Fil-proposta tagħha, il-Kummissjoni tinnotta li l-fażi finali hi maħsuba biex tolqot l-oqsma bl-akbar ħtieġa u tfitteż li tiżgura li l-ħidma tagħha tkun sostenibbli fit-tul. Il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li l-kontribuzzjonijiet mill-UE ta' EUR 15-il miljun fis-sena lill-IFI jkomplu jsiru għal perjodu ieħor ta' erba' snin. Madankollu, l-IFI se jkollu sal-2013 biex juża dawn il-flus u hemm lok biex fil-ġejjieni, il-flus li ma jintefqux jiġu riċiklati, suġġett għall-istrateġija tal-għeluq.

Valutazzjoni tal-IFI

Sar progress sinifikanti biex tissaħħaħ il-paċi bejn iż-żewġ komunitajiet fl-Irlanda ta' Fuq u fir-Reġjuni tal-Fruntiera bejn ir-Repubblika tal-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq. Ir-rapporteur, b'mod partikolari, jenfasizza r-rwol tal-Isports fit-trawwim tar-rikonċiljazzjoni bejn il-komunitajiet. Fost l-eżempji hemm:

Football4Peace - Dan il-proġett ta' tliet snin approvat mill-Bord tal-IFI f'Ġunju 2008 huwa ħidma konġunta bejn l-Inishowen Rural Development Ltd, l-IFA (l-Irlanda ta' Fuq) u l-FAI

(ir-Repubblika tal-Irlanda) li jolqot iż-żgħażaġh, bl-użu tal-futbol bħala mezz għall-promozzjoni ta' relazzjonijiet tajba permezz ta' sħubijiet transkonfinali u bejn il-komunitajiet. L-IFI qed jipprovdi assistenza finanzjarja ta' EUR 527 954, b'għajnuna oħra mill-FAI, l-IFA, l-Inishowen Boys School League u l-Kunsill ta' Limavady/Limavady Utd.

Proġett Transkonfinali għall-akbar użu tal-Ispazju Komunitarju – F'Ġunju 2008 ngħatat l-approvazzjoni mill-Bord biex il-Kunsill għall-Iżvilupp Rurali (fl-Irlanda ta' Fuq), l-aġent tal-proġett, jaħdem ma' 50 grupp komunitarju (38 mill-Irlanda ta' Fuq u 12 mill-kontej tal-fruntiera tan-Nofsinhar) għal sena biex ir-relazzjonijiet tal-komunità jitjiebu u jiġu ffaċilitati l-iżvilupp u l-użu akbar ta' swali eżistenti tal-komunità billi tiżdied il-kapaċità u l-fiduċja tal-gruppi. Il-gruppi li jikkonkludu b'suċċess din il-fażi jistgħu sussegwentement jagħmlu applikazzjoni għal massimu ta' £50 000 biex itejbu l-faċilitajiet fis-sala li jużaw, biex hekk issir aktar attraenti għal utenti potenzjali.

Sforzi ta' reklutaġġ għal dan il-programm kienu jinkludu laqgħat mal-GAA, fost organizzazzjonijiet oħra, u l-Klabb GAA ta' Michael Davitt fi Swatragh, County Derry jinsab fost il-gruppi ta' parteċipanti.

'Ir-Relazzjonijiet Komunitarji permezz tal-Isports' - Dan il-proġett ta' sentejn immexxi mid-Donegal Sports Partnership, li kellu finanzjament approvat ta' EUR 152 000 f'Novembru 2009 u li għandu juża l-isports biex jipromwovi l-paċi u r-rikonċiljazzjoni, tnieda dan l-aħħar. Se jaħdem fi ħdan il-komunitajiet tal-fruntiera ta' Donegal, West Tyrone u Derry u għandu jimpenja 150 żaġħżuġh u żaġħżuġha bejn l-etajiet ta' 14 u 18-il sena, minn kull sfond reliġjuż. Dan għandu jinkludi l-appoġġ prattiku minn korpi nazzjonali li jirregolaw l-isports, fosthom il-GAA, l-FAI, l-IRFU, il-Cricket Ireland, l-Atletika, il-Badminton Ireland u s-Cycling Ireland. Dan se jkun f'għemellaġġ ma' *workshops* dwar ir-relazzjonijiet komunitarji u d-diversità kulturali, li jippermetti liż-żgħażaġh jesploraw il-kultura, it-twemmin u t-tradizzjonijiet tagħhom stess u jisfidaw l-isterjotipi sabiex jirrikonoxxu u jindirizzaw id-differenzi.

Konklużjoni

Ir-Rapporteur jixtieq jenfasizza l-kontribut eċċellenti tal-Fond Internazzjonali għall-Irlanda għall-appoġġ popolari għall-Proċess ta' Paċi, li ssaħħaħ dan l-aħħar bit-trasferiment reċenti tas-setgħat tal-ġustizzja u tal-pulizija lill-Assemblea tal-Irlanda ta' Fuq.

L-IFI kellu sehem ewlieni fir-rikonċiljazzjoni bejn il-komunitajiet u hekk kif qed joqrob lejn tmiem il-perjodu attwali tiegħu, għandu jingħata r-rikonoxximent dovut għar-rwol prinċipali li kellha l-UE f'dan il-qasam.

Ir-Rapporteur jistieden lill-Gvernijiet tal-Irlanda u tar-Renju Unit biex jikkunsidraw itawlux il-ħajja tal-Fond Internazzjonali għall-Irlanda. Għad hemm ħafna xi jsir biex jintlaħqu l-għanijiet kollha, biex il-komunitajiet jersqu lejn xulxin u jintegraw flimkien, speċjalment permezz tal-isports.

F'dan ir-rigward ir-Rapporteur jistieden liż-żewġ Gvernijiet biex fil-qafas tal-Kunsill Ewropew jagħmlu dikjarazzjoni dwar kif jaħsbu li l-iżvilupp tal-inizjattivi ta' finanzjament f'dan il-qasam għandu jkompli għall-perjodu finanzjarju tal-UE li jmiss.

Ir-Rapporteur jitlob ukoll li għall-proġetti futuri għandha titqies il-ġżira Irlandiża kollha kemm hi. It-tressiq lejn xulxin għandu jsir mhux biss bejn il-komunitajiet tal-Irlanda ta' Fuq, iżda wkoll bejn l-Irlanda ta' Fuq u ż-żoni kollha tar-Repubblika tal-Irlanda.

Fl-aħħar nett, ir-Rapporteur jitlob li din il-proposta tgħaddi malajr mill-Parlament sabiex ma tibqa' l-ebda inċertezza legali wara li jitħassar ir-Regolament oriġinali mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

PROĊEDURA

Titolu	Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-UE lill-Fond Internazzjonali għall-Irlanda (2007-2010)
Referenzi	COM(2010)0012 – C7-0024/2010 – 2010/0004(COD)
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	5.2.2010
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	REGI 11.2.2010
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 11.2.2010
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	BUDG 23.2.2010
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Seán Kelly 17.3.2010
Eżami fil-kumitat	27.4.2010
Data tal-adozzjoni	3.6.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 42 -: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Luís Paulo Alves, Sophie Auconie, Catherine Bearder, Jean-Paul Basset, Victor Boştinaru, John Bufton, Alain Cadec, Salvatore Caronna, Francesco De Angelis, Rosa Estaràs Ferragut, Elie Hoarau, Danuta Maria Hübner, Ian Hudghton, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Seán Kelly, Evgeni Kirilov, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Ramona Nicole Mănescu, Riikka Manner, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Miroslav Mikolášik, Franz Obermayr, Wojciech Michał Olejniczak, Markus Pieper, Monika Smolková, Georgios Stavrakakis, Nuno Teixeira, Michael Theurer, Michail Tremopoulos, Lambert van Nistelrooij, Kerstin Westphal, Hermann Winkler, Joachim Zeller
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Bairbre de Brún, Ivars Godmanis, Karin Kadenbach, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, László Surján, Sabine Verheyen
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Emilio Menéndez del Valle
Data tat-tressiq	9.6.2010